ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

## Minuti tal-413-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Ħamis, 11 t'April, 2013

Il-laqgħa bdiet fis-6:30 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6:50 ta'filgħaxija u s-Sur Marc Vella Bonnici daħal għal-laqgħa fis-7:30 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-412-il laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti.

Item 4 – Korrispondenza

Inqara nvit mibgħut lis-Sindku u lill-membri tal-Kunsill Lokali mill-Kap, l-Assistenti Kapijiet u l-għalliema tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja Ħaż-Żabbar B, għal Jum ta' Ċelebrazzjoni li ser isir fis-sala tal-iskola nhar il-Ġimgħa, 19 t'April, 2013 fis-6:00 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Domenic Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jingħataw kopji tal-ktieb Żabbar – A Living History lil studenti li għamlu suċċess fis-sena skolastika.

Fis-6:50 ta' filgħaxija s-Sur Grech daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC dwar il-korsijiet IKIDS. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li

ssir laqgħa mas-Sur Abela biex flimkien tiġi diskussa l-possibilità li jintlaħaq ftehim li permezz tiegħu jgawdu r-residenti li huma nteressati jattendu għal dawn il-korsijiet.

Is-Sur Spiteri tkellem dwar l-importanza li l-Kunsill jikkwantifika l-ispejjeż relatati ma' inizjattivi li jkunu ser jittieħdu biex b'hekk il-Kunsill ikollu stampa ċara tal-ispejjeż involuti kif ukoll jassigura minn qabel li jingħata valur għall-flus minfuqa.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Għaqda Maltija tal-Ortikultura dwar wirja annwali li ser issir nhar is-Sibt 4 u l-Ħadd 5 ta' Mejju fi-ġonna u f'parti mill-Palazz ta' San Anton. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li nipparteċipaw f'din il-wirja bl-isem 'The Great Spring Show'.

Fis-7:30 ta' filgħaxija s-Sur Marc Vella Bonnici daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar seminar li ser isir mill-Kamra tal-Inġinieri bit-tema 'Benefit With Alternative Energy and Waste Management' li ser isir nhar il-Ġimgħa, 12 t'April, 2013.

Inqrat ittra oħra mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar żewġ seminars li ser ikunu organizzati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju, 2013 bit-tema GIS and Attractiveness mill-Proġett GRISI PLUS u seminar ieħor bl-isem ta' Open Data mill-Proġett Home li ser issir nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2013.

Inqrat Memo 45/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' finanzjament ta' inizjattivi speċjali 2013. Fl-ittra tiegħu, id-Direttur tad-Dipartiment informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ntgħażlitx biex tingħata l-għajnuna fnanzjarja permezz ta' din l-iskema.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament ix-*schedule of payments* għall-perjodu 7 ta' Marzu 2013 sal-11 t'April 2013 li kien jammonta għal €69,233.68.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Marzu 2013 li kien jammonta għal €103.31.

<u>Responsabilitajiet tal-Kunsillieri</u>

Is-Sindku ppropona lista ta' responsabilitajiet għal kull membru tal-Kunsill kif ġej:

**Is-Sindku Quinton Scerri**
Konsultazzjoni Pubblika

Relazzjonijiet mal-Media
Rapprezentant fil-GAL Xlokk
Team Leader – Action Team Kultura u Wirt Storiku
Team Leader – Action Team Ricerka, l-Infrastruttura u l-Izvilupp Sostenibli

**Il-Vici Sindku Domenic Agius**
Sostenibilta' Urbana (tinkludi l-provista ta' servizzi infrastrutturali)

**Il-Kunsillier Joseph Buttigieg**
L-Anzjani u t-Tahrig ta' Persuni ta' Terza Eta'

**Il-Kunsillier Mark Grech**
Il-Finanzi

**Il-Kunsillier John J Pace**
Il-Politika Socjali (tinkludi s-sahha, is-sigurta, x-xoghol u persuni bi bzonnijiet specjali)

**Il-Kunsillier Joseph Agius**
Immaniggjar tat-Traffiku (tinkludi t-Trasport Pubbliku)

**Il-Kunsillier Marc Vella Bonnici**
Iz-Zghazagh
Hidma u Relazzjonijiet Internazzjonali (li tinkludi l-gemellaggi, t-turizmu u l-fondi Ewropej)

**Il-Kunsillier Joseph Vella**
Team Leader – Action Team l-Isports u l-Edukazzjoni
(tinkludi l-iskejjel, taghlim tul il-hajja u l-libreriji pubblici)

**Il-Kunsillier Brian Spiteri**
Negozji u Intraprizi z-Zgħar

**Il-Kunsillier Anna Calleja**
Familja u t-Tfal

**Il-Kunsillier Joseph Bonnici**
L-Ordni u L-Indafa Pubblika
Zvilupp Abjentali (li jinkludi zoni non-urbani u l-Periferiji)

Is-Sindku qal li s-Sur John J Pace ser ikun qed jassisti fil-qasam tal-kultura u wirt storiku. Is-Sur Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

Is-Sur Mark Grech talab li jingħata *terms of reference* għar-responsabilitajiet li hu ser ikollu.

Is-Sur Spiteri qal li hu lest ukoll jagħti l-ħidma volontarja tiegħu fil-qasam kulturali.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur John J Pace qal li fil-ġimgħat li ġejjin kien ser isir *launching* tal-*website* mill-MTA li ser tkun tinkludi nformazzjoni dwar il-lokalità ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku qal li kien kiteb lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu biex jinfurmhom dwar xi tibdil li ser ikun qed isir fl-attività li l-Kunsill ser ikun qed jorganizza fl-1 ta' Ġunju bit-tema 'The Malta International Food Festival'.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li l-Kunsill jitlob parir tekniku meta jirċievi talba biex tinqala' xi siġra biex b'hekk jiġi assigurat li xogħlijiet ta' dan it-tip isiru skont il-proċeduri.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Vella Bonnici daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-possibilità li jsiru diskussjonijiet bil-għan li l-*open top coaches* jinkludu Ħaż-Żabbar fir-rotta tat-*tour* tagħhom.

Is-Sinjura Calleja staqsiet dwar il-*web site* il-ġdida tal-Kunsill u r-raġuni għaliex din għada mhux qiegħda *on-line*. Is-Sindku qal li kienu ser isiru diskussjonijiet mal-*web designer* biex din il-*website* tiġi fis-seħħ.

Is-Sinjura Calleja tkellmet dwar it-trasport pubbliku u semmiet il-ħtieġa li l-Kunsill ikompli jagħmel pressjoni biex terġa' tiġi ntrodotta l-karozza tal-linja li tgħaddi miż-żona ta' St Peter's għall-Isptar Mater Dei.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm ser tiġi organizzata attività għall-anzjani.

Is-Sur Vella Bonnici informa lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu mal-EUPA fi ħdan il-MEUSAC u semma numru ta' programmi li l-Kunsill jista' jaħdem fuqhom biex jġib fondi għall-finanzjament ta' ċerti proġetti u inizjattivi.

Is-Sindku qal ukoll li hemm ukoll kumpaniji li joffri konsulenzi u għajnuna biex il-Kunsill jippropono proġetti għall-finanzjament minn programm tal-Unjoni Ewropeja.

Is-Sur Vella semma l-paġna tal-Kunsill fuq *facebook* u talab li fiż-żmien li ġej il-Kunsill jiddeċiedi dwar jekk din il-paġna għandhiex terġa' tinfetaħ.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħmel bandiera ġdida f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi minflok dik li hemm bħalissa peress illi din m'għadhiex preżentabbli. Is-Sur Bonnici ssekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sindku semma l-ħtieġa li ssir manutenzjoni regolari tal-funtani u tkellem dwar il-possibilità li l-Kunsill jiddelega r-responsabilità ta' dawn il-funtani.

Is-Sur Spiteri tkellem dwar is-servizzi li jintalbu jipprovdu l-għaqdiet u soċjetajiet Żabbarin u saħaq dwar l-imprtanza li jkun hemm ugwalità fis-servizzi li dawn jintalbu.

Is-Sur Vella ppropona li jinxtara *defibrillator* biex dan jinżamm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sur Pace ssekonda l-proposta tas-Sur Vella u l-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan l-apparat.

Dwar l-istedina uffiċjali għal Eschenfest li ser issir f'Mejju li ġej il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici qabel unanimament illi d-delegazzjoni tal-Kunsill għal din l-attività ikunu s-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici u s-Sur Joseph Bonnici. Is-Sindku qal li matul din l-attività ser tiġi diskussa l-possibilità ta' għajnuna mill-Kunsill ta' Eschborn kif ukoll li jiġu organizzati skambji fosthom ta' artisti Żabbarin.

Is-Sur Bonnici semma l-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li din is-sena ser isir il-Ġermanja u ppropona li jinħareġ avviż fuq il-gazzetti biex il-Kunsill jibda jilqa' l-applikanti.

Is-Sindku tkellem dwar il-ħtieġa li jinbena ħajt ta' lqugħ fi Triq l-Għakrux peress illi l-fatt li m'hemmx ħajt fit-tarf tat-triq qed joħloq periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-pubbliku. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jinbena dan il-ħajt.

Is-Sur Grech semma l-ħtieġa li ssir xi forma ta' *central strip* madwar il-*parking bays* li nżebgħu minn Transport Malta fi Triq Bormla. Is-Sur Pace semma wkoll il-bżonn li tiġi mdawwla din iż-żona u jinżergħu xi fjuri fir-*roundabout* u s-*soft areas* li saru f'din il-*junction* tat-triq.

Is-Sindku semma l-proċess li kien għaddej bih il-Kunsill għall-ingaġġ ta' skrivan/a u ppropona li jintalab li permess tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ biex issir sejħa għall-ingaġġ ta' skrivan/a (Skala 15). Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu flimkien mas-Sur Bonnici mal-kumpanija GreenPak. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa ġiet diskussa l-ħtieġa ta' kampanja edukattiva li tkun proġett pilota u li tinvolvi l-ħwienet kummerċjali u naturalment ir-residenzi kollha ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li wasal fi ftehim mal-kumpanija li għandhom jwasslu biex jilħqu l-miri tagħna kif ukoll dawk li qed jiġu mmirati fuq livell nazzjonali. Is-Sindku qal li l-kumpanija kienet ser tgħin lill-Kunsill itejjeb il-faċilitajiet ta' Ġnien il-Kunsill billi tipprovdi siġra simbolika li ser tkun qed titlibbes ma' kull ammont ta' flus li l-Kunsill ser ikun qed ifaddal grazzi għal żieda fis-separazzjoni ta' skart separat li eventwalment twassal għal tnaqqis fil-ħlas għar-rimi ta' skart solidu. Din is-siġra ser tkun imdawra wkoll b'żona ddisinjata għat-tagħlim tat-tfal.

Dwar il-*playing fields* u l-kundizzjoni tagħhom, is-Sur Bonnici qal li fil-ġranet li ġejjin ser issir spezzjoni mill-MCCA tal-*playing fields* biex jerġa' jsir rapport dwar l-istat ta' dawn il-bandli u x'hemm bżonn illi jsir. Is-Sindku ppropona li f'nofs Mejju tiġi organizzata Health Fest li matulha ser tingħata nformazzjoni dwar l-ikel bnin, isiru xi testijiet tad-demm u servizzi simili oħra. Is-Sur Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tittella' din l-attività.

Fit-8.30 ta' filgħaxija s-Sur Pace talab li jkun skużat.

Is-Sinjura Calleja qalet li għandha l-ħsieb li torganizza *talks* edukattivi speċjalment għall-familja.

Il-Viċi-Sindku talab li tiġi rranġata l-art fi Triq il-Ġilju ma' Triq il-Ġiżimina peress it-tarmak m'għadux f'kundizzjoni tajba.

Il-Viċi-Sindku ppropona wkoll li ssir esebizzjoni ta' armi fis-sala tal-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' għaqda ta' kollezzjonisti. Is-Sindku ssekonda lill-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-esebizzjoni.

Is-Sur Joseph Agius talab li jiġu rranġati ħofor li hemm fi Triq Bajada.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-414 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 29 t'April, 2013.

Quinton Scerri
Sindku